# Kumitat Amministrattiv SWATAR
**Kunsilli Lokali Birkirkara u L-Imsida**

Swatar Administrative Committee – Birkirkara and L-Imsida Local Councils

# Minuti

## Seduta Nru. 11/2011

Data: Il-Ġimgħa, 06 ta' Mejju 2011

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali L-Imsida, Pjazza Menqa Msida

---

Preżenti: Mary Rose Mifsud – *Chairperson*
John Mary Zahra
Jane (Yvonne) Spiteri
Mario Xuereb
Christopher Galea – Aġent Segretarju Eżekuttiv

- ❖ Ħadd m'attenda minn naħa tal-Kunsill Lokali L-imsida kif ukoll ta' Birkirkara
- ❖ Is-Sur Rudolph Cini, Membru tal-Kumitat, kien skużat minħabba impenji ta' xogħol.

---

## AĠENDA

1. Talba
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti
3. Punti Mqajma mill-Minuti
4. Emblema Ġdida tal-Kumitat Amministrattiv
5. *Traffic Management*
6. Ismijiet Ġodda tat-Toroq li huma Bla Isem
7. Komunikazzjoni mill-Membri tal-Kumitat
8. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*
9. Għeluq

---

## Kontenut

Annex A Minuti 11/2011

Annex B Tabella ta' Deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-seduta li jirrikjedu Azzjoni

Mary Rose Mifsud (*Chairperson*), Jimmy Zahra (Viċi *Chairperson*), Yvonne Spiteri, Mario Xuereb, Rudolph Cini
***Kunsill Lokali Birkirkara***
Ċentru Ċiviku, 2nd Floor, Triq Tumas Fenech, Birkirkara BKR 2527 – TEL: 21442626, FAX: 21442644
***Kunsill Lokali L-Imsida***
Pjazza Menqa, Msida MSD 9090 – TEL: 21334343, FAX: 21342424
***Aġent Segretarju Kumitat Amministrattiv Swatar***
TEL: 22002308, FAX: 22002313, email: christopher.galea@gov.mt

**Minuti 11/2011**

## 1. Talba

**1.1** Il-laqgħa bdiet fil-5:45pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson*.

## 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**2.1** Il-Minuti tas-Seduta 10/2011 li saret nhar il-25 ta' Marzu 2011 tqassmu qabel u ttieħdu bħala moqrija. Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-Minuti u ġew approvati unanimament mill-Kumitat.

## 3. Punti mqajma mill-Minuti

**3.1** **Fuq punt 3.2 –** It-*traffic management* ġie diskuss f' Item 5. Mappa ta' *Traffic Flow*.

**3.2** **Fuq punt 3.3 –** Ismijiet ġodda tat-Toroq ġew diskussi f' Item 6. Ismijiet ġodda tat-Toroq.

**3.3** **Fuq punt 3.4 –** Is-Sur Mario Xuereb ma kellux iċ-ċans ikellem lis-Superjur. Tabella ta' *No Entry* fi Triq tal-Qattus minħabba l-Mużew.

**3.4** **Fuq punt 3.6 –** Is-Sur Jimmy Zahra qal li l-mera twaħħlet mit-TM. Kellem lir-resident u qallu li s-sitwazzjoni mmiljorat iżda xorta baqgħa l-periklu. Il-Kumitat qabel li din tiġi diskussa waqt *Traffic Management* f' Item 5. Talba għall-*Sleeping Policeman.*

**3.5** **Fuq punt 3.7 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li l-parking riservat ġie approvat mit-TM u peress li mhux ċar minn suppost għandu jagħmilha jekk mhux il-Kunsill jew it-TM, l-Aġent Segretarju għandu jirċievi miċ-ċentru l-ittra ta' l-approvazzjoni mit-TM sabiex ikun jista' jiċċekkja sew minn min għandha ssir. *Parkeġġ riservat għall-Persuni b'Diżabilita'*

**3.6** **Fuq punt 3.8 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li dan il-proġett għadu pendenti. Tabelli ta' Informazzjoni tal-Ħwienet fit-Toroq.

**3.7** **Fuq punt 3.9 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li l-laqgħat mal-aġenziji għadhom ma sarux. Il-Kumitat qabel li dawn il-laqgħat isiru fis-Sajf. Problema ta' Parkeġġ.

**3.8** **Fuq punt 3.10 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li r-ritratti li ġabar is-Sur Mario Xuereb ntbagħtu il-Kunsill ta' Birkirkara fejn qalu li ser jieħdu azzjoni imma mhux malajr. Siti Perikolużi.

3.8.1 Is-Sur Mario Xuereb irrimarka li ċ-ċint ta' Triq tal-Qattus ilu minn Jannar imwaqqa'.

3.8.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li ser jibqa' jinsisti mal-Kunsill sabiex ix-xogħlijiet isiru malajr.

**3.9** **Fuq punt 3.11 –** Iċ-*Chairperson* qalet li waqt il-laqgħa li kellhom il-Kumitati Amministrattivi kollha ma' Dr Said, saqsietu fuq il-laqgħa pubblika fejn wieġeb li mhux ser jorbot bid-dati din sena għal meta ssir Laqgħa Pubblika tal-Kumitat.

il-laqgħa pubblika.

**3.10** **Fuq punt 5.1.2 -** Il-Kumitat għadu ma ddeċiediex fejn ser issir l-attivita' ta' Settembru 2011. Din l-attivita' preferibbilment għandha ssir ġo Triq wiesgħa. Attivita' fis-Swatar

**3.11** **Fuq punt 6.1.3 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li kien il-ħsieb li t-tender jinħareġ b'żewġ lots jew iktar u l-kuntratturi jitfgħu l-offerta tagħhom fuq kollha. Din hija perikoluża peress li jista' jkun hemm appell fuq għalfejn intagħżel lot u mhux ieħor. Il-Kumitat qabel. Tender tal-Playing Field.

3.11.1 Is-Sur Mario Xuereb issuġġerixxa li l-ewwel isiru l-affarijiet kollha madwar il-bandi mingħajr il-ground. Jekk jibqa' xi flus, jinżammu sabiex meta l-Kumitat japplika sabiex jieħu aktar fondi minn skemi, dawn il-flus jingħaqdu u bihom isir il-ground.

**3.12** **Fuq punt 8.1.8 -** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li ċċekkja ma' tlett kumpaniji li jgħatu dan il-kors u vverifika li diġa hemm kumpanija li joffru dan il-kors b'€20 biss għal kull persuna. Kampanja Basic Life Support (BLS)

3.12.1 Iċ-Chairperson qalet li ltaqgħat mal-Profs Victor Sultana fejn hu lest li joffri l-għajnuna għal din il-kampanja b'xejn u lest ukoll li jgħati l-korsijiet b'xejn. Barra minn hekk lest ukoll li joffri l-kors tal-First Aid.

3.12.1 Il-Kumitat iddeċieda li fil-laqgħa li jmiss jiġi mistieden il-Profs Victor Sultana u ssir diskussjoni miegħu fuq il-kampanja.

**3.13** **Fuq punt 9.1.3 –** L-iskedar tal-laqgħa ser issir f'Ġunju 2011. Kunsill taż-Żagħżagħ

**3.14** **Fuq punt 9.2.5 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li n-nota ma tqassmitx lir-residenti peress li l-laqgħa ma setgħetx tilħaq issir fid-data stabbilita. Il-Kumitat iddeċieda li dan il-punt jitħalla għal meta ssir il-laqgħa pubblika. Residenti li jixtiequ jagħmlu volontarjat.

**3.15** **Fuq punt 9.3 -** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li hu u Yvonne iltaqgħu ma' Ray Abela tat-TCTC rigward courses ta' eTFAL kif ukoll courses oħra ta' ITC li jistgħu jiġu offruti lir-residenti tas-Swatar. Din tidher proposta interessanti ħafna pero hemm xi *issues* li għad iridu jiġu kjarifikati qabel mal-Kumitat jaċċetta l-proposta. Laqgħa mat-TCTC

**3.16** **Fuq punt 9.4 -** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li għad hemm il-problema tal-garaxxijiet. Qal li qed jipprova jikkuntattja lit-TM imma kollu għalxejn u qed jikkonsulta wkoll mas-Sinjura Baldacchino Cefai peress li jista' jkollha esperjenza simili sabiex forsi tinstab soluzzjoni. Il-Kumitat iddeċieda li ma jista' jsir xejn minn naħa tal-Kumitat u l-aħjar soluzzjoni tkun li l-Kumitat imur jiffaċċja r-residenti u jgħidilhom kif inhi s-sitwazzjoni. Tarmac fi Triq il-Ġostra.

**3.17** **Fuq punt 9.5 –** Il-Kumitat iddeċieda fuq żewġ dati meta l-laqgħa għandha ssir mas-Sur Horace Portelli tal-Librerija Pubblika il-Furjana. Dawn huma:
19 ta' Mejju 2011 fit-3pm jew;
26 ta' Mejju 2011 fit-3pm. Edukazzjoni mill-Qari u Story Telling.

**3.18** *Is-Sur Jimmy Zahra ħareġ mill-laqgħa minħabba impenji oħra.*

## 4. Emblema Ġdida tal-Kumitat Amministrattiv

**4.1** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li skont il-Memo issa il-Kumitat jista' jitfa' l-proposta tiegħu għal stemma tal-Kumitat. L-għeluq tal-applikazzjonijiet ġiet ukoll estiża sat-30 ta' Ġunju 2011. L-artwork tal-istemma irid ikun fiha sinjifikat u ma tistax toħroġ għal pubbliku għax m'hix kwistjoni ta' opinjoni u ma tistax tkun logo. Il-Kumitat jista' jqabbad lis-Sur Adrian Strickland li huwa persuna professjonali li għamel il-maġġoranza tal-istemmi tal-Kunsilli kif ukoll id-Dipartiment iqabbad lilu sabiex jivverifika ċertu proposti ta' stemmi.

Emblema Ġdida

4.1.1 Is-Sur Mario Xuereb ippropona sabiex qabel, il-Kumitat għandu jiċċekkja ftit is-sinjifikat tas-Swatar ħalli lis-Sur Strickland tingħatalu gwida. Ir-riċerka tista' tibda minn ktieb ta' Godfrey Wettinger li għamel riċerka fuq is-sinjifaki kollha tal-ismijiet tal-bliet u rħula Maltin.

4.1.2 Il-Kumitat iddeċieda li l-ewwel issir riċerka fuq x'inhu s-sinjifikat tas-Swatar imbagħad il-Kumitat iqabbad lis-Sur Adrian Strickland sabiex jagħti opinjoni professjoanli fuq kif għandha tkun l-istemma tas-Swatar.

## 5. *Traffic Management*

**5.1** Il-Kumitat iddiskuta it-*Traffic Management* fis-Swatar. Ġew suġġeriti xi tbdil fit-traffic flow ta' xi toroq.

Traffic Management

5.1.1 *Is-Sur Mario Xuereb ħareġ mill-laqgħa minħabba impenji oħra.*

5.1.2 *Is-Sur Jimmy Zahra daħal għal-laqgħa.*

5.1.3 Il-Kumitat iddeċieda li t-toroq li ssemmew jiġu studjati mis-Sur Jimmy Zahra u fil-laqgħa li jmiss jiġu diskussi fid-dettal.

## 6. Ismijiet Ġodda tat-Toroq li huma Bla Isem

**6.1** Din il-materjal ser tiġi diskussa fid-dettal fil-laqgħa ta' li jmiss.

Ismijiet Ġodda tat-Toroq li huma Bla Isem

## 7. Komunikazzjoni mill-Membri tal-Kumitat

**7.1** Is-Sinjura Yvonne Spiteri tkellmet fuq il-problema ta' konġestjoni ta' traffiku fil-ħin li joħorġu t-tfal tal-iskola mis-St Martins College. Din il-konġestjoni qed joħolquha l-iktar il-vannijiet kif ukoll il-ġenituri bil-karozzi. Hemm il-possibbilta' li jinfetaħ tunnel in-naħa l-oħra tal-iskola fejn it-tfal jistgħu joħorġu minn hemm. Is-Sinjura Spiteri qalet li ser tieħu r-ritratti u ġġib aktar dettalji sabiex tiġi diskussa din il-problema fil-laqgħa li jmiss.

St Martins College

## 8. Komunikazzjoni miċ-Chairperson

**8.1** Iċ-Chairperson qalet li hemm ħafna bankini li qegħdin jitkissru. Issuġġerit li meta toħroġ skema il-Kumitat japplika għaliha sabiex jissewwew dawn il-bankini. Bankini mkissra

**8.2** Iċ-Chairperson qalet li hi u s-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai kellhom laqgħa ma' tal-Multiple Scoliosis u fil-25 ta' Mejja 2011 il-Kumitat huwa mistieden għal ftuħ tal-Uffiċini tagħhom. Multiple Scoloises

**8.3** Iċ-Chairperson issuġġeriet li jsir bust ta' San Ġorġ Preca fir-roundabout tat-Triq Paul Borg Olivier bħala tifkira tiegħu. Bust ta' San Ġorġ Preca

8.3.1 Is-Sinjura Spiteri issuġġeriet li dan il-bust jitlesta u jinkixef f'okkażżjoni speċjali bħalma tista' tkun anniversarju ta' ħames snin li San Ġorġ Preca sar Qaddis.

## 9. Għeluq

**9.1** Il-laqgħa spiċċat fit-8:00pm. Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-Ġimgħa 10 ta' Ġunju 2011, fil-5:30pm ġewwa l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

____________________ ____________________

*Chairperson*, KAS Aġent Segretarju, KAS

____________________

Data

# Tabella ta’ Deċiżjonijiet li jirrikjedu Azzjoni

| **Ref.** | **Suġġett** | **Deċiżjoni /Azzjoni Meħtieġa** | **Entita’ / Persuna Responsabbli** |
|---|---|---|---|
| **3.3** | **Fuq punt 3.11** Tabella ta’ *No Entry* fi Triq tal-Qattus minħabba l-Mużew. | Is-Sur Mario Xuereb imur ikellem lis-superjur. | Is-Sur Mario Xuereb |
| **3.5** | **Fuq punt 3.14** *Parkeġġ riservat għall-Persuni b’Diżabilita’* | Isir parkeġġ riservat għall-Persuni b’Diżabilita’ quddiem iċ-Ċentru tad-Diżabilita’ fi Triq il-Balliju Guttenberg. | Aġent Segretarju |
| **3.6** | **Fuq punt 3.16** Tabelli ta’ Informazzjoni fit-Toroq. | L-Aġent Segretarju għandu jaħdem fuq il-proġett tat-tabelli ta’ informazzjoni u direzzjonijiet fejn qegħdin il-ħwienet. Kif ilesti d-dettalji tal-proġett, iressqu quddiem il-Kumitat sabiex jiddiskutih. | Aġent Segretarju |
| **3.7** | **Fuq punt 3.20** Problema ta’ Parkeġġ | Il-Kumitat jiltaqa’ mal-aġenziji li hemm fi Triq it-Torri. | Aġent Segretarju |
| **3.8** | **Fuq punt 3.21** Siti Perikolużi. | Siti Perikolużi fis-Swatar. Is-Segretarju għandu jinsisti li jsiru malajr. | Aġent Segretarju |
| **3.10** | **Fuq punt 5.1.2** Attivita’ fis-Swatar | Il-Kumitat għandu jiddeċiedi fejn ser issir l-attivita’ ta’ Settembru. | Kumitat |
| **3.13** | **Fuq punt 9.1.3** Kunsill taż-Żagħżagħ | Tiġi skedata laqgħa fil-bidu ta’ Ġunju meta ż-żagħżagħ ikunu spiċċaw l-eżamijiet u l-Kumitat ikun jista’ jiddiskuti l-Kunsill taż-Żagħżagħ. | Aġent Segretarju |
| **3.16** | **Fuq punt 9.4** Tarmac fi Triq il-Ġostra. | Il-Kumitat għandu jiftiehem ħin sabiex imur u jara x’inhu jsir fuq tarmac u l-bankini ġodda ta’ Triq il-Ġostra. Barra minn hekk il-Kumitat jiltaqa’ mar-residenti tat-triq stess ħalli jara xi problemi għandhom. | Kumitat |
| **3.17** | **Fuq punt 9.5** Edukazzjoni mill-Qari | Issir laqgħa ma’ Haurice tal-Librerija tal-Furjana. | Aġent Segretarju / Kumitat |
| **4.1** | Emblema Ġdida | L-ewwel issir riċerka fuq x’inhu s-sinjifikat tas-Swatar imbagħad il-Kumitat iqabbad lis-Sur Adrian Strickland sabiex jagħti opinjoni professjoanli fuq kif għandha tkun l-istemma tas-Swatar. | Aġent Segretarju |
| 7.1 | St Martins College | Is-Sinjura Spiteri ser tieħu r-ritratti u ġġib aktar dettalji sabiex tiġi diskussa din il-problema fil-laqgħa li jmiss. | Is-Sinjura Yvonne Spiteri |